SAN LAWRENZ

Il-Minuti tas-seba' laqgħa tas-sitt Kunsill li saret nhar is-Sibt 4 t'Awissu 2012 fit-8:00 ta' filgħodu fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali San Lawrenz.

*Preżenti:*

| | |
|---|---|
| *Sindku:* | Anthony Formosa |
| *Viċi Sindku:* | Anthony Cassar |
| *Kunsilliera:* | Michelina Mercieca |
| | John Mercieca |
| | Rose Vella |
| *Segretarju Eżekuttiv:* | Lucienne Haber |

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba.

**2.0 Rapport mill-Evaluation Committee li evalwa t-tenders tal-isqaqien taht il-Mizura 323**

2.1 Is-Sindku rrefera ghall-fatt li sejjah laqgha b'urgenza tal-Kunsill sabiex jigi approvat ir-rapport mahrug mill-Evaluation Committee li evalwa l-offerti konnessi mal-isqaqien taht il-mizura 323 tal-Unjoni Ewropea.

2.2 Wara li evalwa l-offerti fid-dettal u wara li ttiehdu l-pariri kollha mehtiega mid-Dipartiment tal-Kuntratti, il-kumitat irrakkomanda li l-ghazla taqa fuq il-kuntrattur Joe Grima peress li kien kompatibli mar-rekwiziti mitluba

2.3 F'dan ir-rigward il-Kunsill qabel li ghandu joqghod fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord li huwa l-awtorita responsabbli tal-ghazla tat-tender u b'hekk nipprocedu biex naghtu l-award tat-tender lil Joe Grima.

**3.0 Ghazla tal-offerti tal-Bring-in-Sites**

3.1 Ghall-offerta tax-xogholijiet ta' thaffir u kostruzzjoni tal-Underground Bring-in-Sites li ghalqet nhar it-3 t'Awissu 2012 intefghu tlett offerti minghand :-
Joe Grima ghal prezz ta' €23,011.20
Joseph Mercieca ghal prezz ta' €31,892.50
Peter Paul Said ghal prezz ta' €14,022.50

3.2 Il-Kunsill qabel li ghandu jaghzel l-irhas offerta dik mitfugha minn Peter Paul Said ghal prezz ta' €14,022.50 dejjem jekk il-Perit jaghmlilna dikjarazzjoni bil-miktub li l-offerta miftugha hija skond ir-rekwiziti mitluba.

A.F.

## 4.0 Attivita' ghall-anzjani fil-festa ta' San Lawrenz

4.1 Sar qbil li ghandu jinhareg avviz li jitqassam f'kull dar dwar l-attivitia' tal-anzjani nhar San Lawrenz, fl-10 t'Awissu f'Villa San Lawrenz.

## 5.0 Tenders tal-progett PANACEA

5.1 Is-Segretarja rreferiet ghall-offerti li hareg il-Kunsill bhalissa konnessi mal-progett PANACEA. It-tenders li hemm fis-suq bhalissa huma dawk tax-xiri ta' generator u dak tal-Interpretation Panel.

5.2 F'dan ir-rigward il-Kunsill iddiskuta l-management tal-Centru tal-Interpretazzjoni wara li jibda jopera. Sar qbil li ghadna niddiskutu din il-materja mad-Dwejra Management Committee fl-ewwel laqgha li jmiss.

## 6.0 Materji ohra

6.1 Il-Kunsillier John Mercieca irrefera ghall-periklu li qed tohloq sigra mqaccta fit-triq tad-Dwejra u ghal htiega biex titnehha.

Il-laqgha ntemmet fid-9:30 ta' filghodu.

*Anthony Formosa*
*Sindku*

*Lucienne Haber*
*Segretarju Ezekuttiv*